MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2006

Numru 252/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR STEPHEN MALLIA**

**VS**

**MATTHEW PORTELLI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Matthew Portelli, ta' 19-il sena, bin Moses u Miriam nee' Attard, imwieled tal-Pieta' nhar it-3 ta' Settembru, 1986, residenti fil-fond Flat numru 10, Entratura B, Binja tal-Mensija, Triq George Tayar, Taz-Zwejt, San Gwann u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 398186 (M);

Akkuzat talli bejn it-12 u t-13 ta' Mejju, 2005 f'xi hin bejn is-sitta ta' fil-ghaxija u s-sitta u nofs ta' fil-ghodu, f'San Giljan, ikkommetta serq ta' *compact disc stereo* tal-marka *Pioneer* ta' valur mhux maghruf, minn go vettura tal-marka

*Hyundai Getz* bin-numru tar-registrazzjoni BBP 628, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Josephine Attard, minn San Giljan;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara hi ta' izjed minn ghaxar liri maltin (Lm10.00), izda inqas minn hamsin lira maltin (Lm50.00), u cioe' fl-istess vettura tal-marka *Hyundai Getz* bin-numru tar-registrazzjoni BBP 628 ghad-detriment ghad-detriment ta' Josephine Attard minn San Giljan;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostantzi kkommetta serq ta' cekk mahrug mill-Universita' ta' Malta fl-ammont ta' tlitt mitt lira maltin (Lm300.00), liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-hin u bix-xorta tal-haga misrqua, ghad-detriment ta' Josephine Attard minn San Giljan;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanza, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghom jew imexxiehom;

U kif ukoll talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi, malli sar jaf li xi haga li kienet fil-pussess tieghu, kienet haga misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistata b'reat, naqas li jgharraf lill-pulizija b'dak il-fatt fi zmien gimgha minn meta hekk sar jaf.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;
Wara li semghet ix-xhieda prodotta;
Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat f'dan l-istadju ta' dawn il-proceduri, wara li nghata zmien rikjest mill-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 270, 271, 325, 334, u 334 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Wara li rat li r-raba’ (4) u l-hames (5) akkuza, dik ta’ ricetazzjoni, inghataw bhala alternattiva ghall-akkuzi l-ohra, astjaniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi mputat Matthew Portelli hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh, u ghaldaqstant tikkundannah ghal terminu ta’ prigunerija ghal zmien tmintax(18)-il xahar, sospizi ghal sena (1) taht supervizjoni ta’ ufficcjal tal-*Probation*, *ai termini* tal-Artikolu 28 G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

*Inoltre* din il-Qorti tordna lill-istess imputat ihallas is-somma ta’ mija u ghoxrin lira maltin (Lm120.00), bhala danni sofferti mill-*parte civile* indikata fl-akkuzi, u cioe’ Josephine Attard minn San Giljan, *ai termini* tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------